

# Il-Ġurnal Uffiċjali L 122

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 64

8 ta' April 2021

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/569 tat-30 ta' Marzu 2021 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) (EUAM Iraq/1/2021)** ..... 1

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.  
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2021/569

tat-30 ta' Marzu 2021

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) (EUAM Iraq/1/2021)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1869 tas-16 ta' Ottubru 2017 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

- (1) Taħt l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bil-iskop li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq), inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fil-11 ta' Diċembru 2019, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2188 <sup>(2)</sup>, biex ħatar lis-Sur Christoph BUIK bħala Kap tal-Missjoni tal-EUAM Iraq mill-1 ta' Jannar 2020 sas-17 ta' April 2020.
- (3) Fis-7 ta' April 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/513 <sup>(3)</sup>, biex estenda l-mandat tal-EUAM Iraq sat-30 ta' April 2022.
- (4) Fis-16 ta' April 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/530 <sup>(4)</sup>, biex estenda l-mandat tas-Sur Christoph BUIK bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUAM Iraq mit-18 ta' April 2020 sas-17 ta' April 2021.
- (5) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona li l-mandat tas-Sur Christoph BUIK bħala Kap tal-Missjoni tal-EUAM Iraq jiġi estiż mit-18 ta' April 2021 sat-30 ta' April 2022,

<sup>(1)</sup> ĠU L 266, 17.10.2017, p. 12.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2019/2188 tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) (EUAM Iraq/3/2019) (ĠU L 330, 20.12.2019, p. 50).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/513 tas-7 ta' April 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) (ĠU L 113, 8.4.2020, p. 38).

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/530 tas-16 ta' April 2020 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) (ĠU L 120, 17.4.2020, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Christoph BUIK bħala Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) huwa b'dan estiż mit-18 ta' April 2021 sat-30 ta' April 2022.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mit-18 ta' April 2021.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2021.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

S. FROM-EMMESBERGER

---



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)